# Il-Policies tal-iskola tagħna

2020-2021

L-iskola tal-Koservatorju tal-Isqof

# DAĦLA

L-iskola tagħna timmira li tipprovdi ambjent ta' tagħlim stimulanti u pjaċevoli, li mhux biss iwassal għall-għan ewlieni tat-tagħlim iżda wkoll li jsaħħaħ imġiba xierqa tal-istudenti tagħna li tgħin lil dawn l-adolexxenti jimmaturaw f'individwi awtodixxiplinati u awtodipendenti u li jkunu kapaċi jġibu ruħhom tajjeb f'kwalunkwe sitwazzjoni li jiltaqgħu magħha.

L-għan ta' dan il-Manwal tal-Policies tal-Iskola huwa li joħloq bilanċ bejn id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-individwu u tal-grupp. Barra minn hekk, għandu l-għan li jinforma lill-istudenti, staff u ġenituri/kustodji bl-aspettattivi tal-imġiba fl-iskola.

Aħna naraw l-iskola bħala post:

- Fejn l-istudenti u l-membri tal-istaff ikunu mogħtija l-valur rispettiv tagħhom, u t-talenti u l-abiltajiet tagħhom ikunu rikonoxxuti u żviluppati aktar;
- Fejn kull persuna tagħraf u terfa' r-responsabbiltà tagħha stess fl-implimentazzjoni tal-istandards ta' kondotta miftiehma;
- Fejn il-komunikazzjoni f'kull livell hija miżmuma tajjeb u fejn jiġi mħeġġeġ l-involviment tal-ġenituri u tal-komunità;
- li jħaddan l-istudenti kollha, il-membri tal-istaff u l-ġenituri, u b'hekk jitkabbar is-sens ta' appartenenza.

# WERREJ


| | | Page |
|---|---|---|
| 1. | Obbligi | 4 |
| 2. | Notifiki tal-Imġiba | 6 |
| 3. | Policies | 8 |
| 3.1 | Ħarġiet u Mġiba oħra ’l barra mill-iskola | 8 |
| 3.2 | Oġġetti Personali | 9 |
| 3.3 | Ġurnata Skolastika u Assembly | 9 |
| 3.4 | Puntwalità | 10 |
| 3.5 | Bidu tal-Lezzjonijiet | 10 |
| 3.6 | Servizzi ta’ Guidance u Counselling | 11 |
| 3.7 | Proprjetà | 11 |
| 3.8 | Il-Ħin tal-Brejk | 12 |
| 3.9 | Tuck Shop u r-Regoli taż-Żona tal-Ikel | 12 |
| 3.10 | L-użu tat-toilet | 12 |
| 3.11 | Lokers | 12 |
| 3.12 | Il-basktijiet tal-iskola | 13 |
| 3.13 | Kodiċi tal-Ilbies | 14 |
| 3.14 | Is-servizz tal-fotokopji | 16 |
| 4. | Policy tal-Assessjar | 17 |
| 5. | Il-Proċeduri tal-Eżamijiet | 26 |
| 6. | Ibbuljar | 26 |
| 7. | Policy tal-Attendenza | 27 |
| 8. | Tluq mill-Iskola | 28 |
| 9. | Konklużjoni | 28 |

## 1. Obbligi

Sforz kollettiv mill-persuni kollha interessati, jiġifieri mis-sidien tal-iskola, id-Djoċesi ta' Għawdex, it-tim tat-tmexxija (SLT), il-membri tal-istaff, ġenituri/kustodji u studenti, huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan imsemmi f'paġna 2.

**It-tim tat-tmexxija (SLT) iwiegħed li:**

- Jgħarraf u jfiehem lill-istudenti, ġenituri u staff il-Manwal tal-Policies tal-Iskola;
- Jagħti sapport lill-membri kollha tal-istaff sabiex iżomm imġiba xierqa u effettiva;
- Jinkoraġixxi u jippromwovi ambjent mibni fuq valuri Kattoliċi;
- Jirrikonoxxi u jirrispetta d-drittijiet tal-istudenti, għalliema u ġenituri/kustodji bl-istess mod;
- Jservi bħala role model effettiv għall-istudenti f'kull ħin u fiċ-ċirkustanzi kollha.

**L-għalliema u l-LSEs iwiegħdu li:**

- Jaħdmu mal-istudenti sabiex dawn jifhmu l-għanjiet tas-suġġett u x'inhu mistenni minnhom li jitgħallmu;
- Jgħinu lill-istudenti jirrealizzaw l-importanza li jkunu responsabbli kemm tagħhom infushom u anke għal dawk ta' madwarhom;
- Jaċċettaw, jifhmu u jirrispettaw id-diversità u d-differenzi fl-istudenti;
- Jgħinu lill-istudenti kollha biex jilħqu l-potenzjal tagħhom;
- Jippromwovu valuri Kattoliċi;
- Jassistu lill-istudenti biex dawn jifhmu u jobdu r-regoli tal-iskola;
- Jkunu konxji u jinfurzaw b'mod konsistenzi u ġust ir-regoli u l-policies tal-iskola.

**Il-ġenituri/kustodji jwiegħdu li:**

- Jibagħtu lill-istudenti l-iskola b'mod regolari, fil-ħin, bl-uniformi kompluta, u preparati biex iwettqu l-kompiti mistennija minnhom mill-Iskola;
- Jifhmu, jirrispettaw u jissapportjaw ir-regoli u l-policies tal-iskola, u jassiguraw li wliedhom jagħmlu dan bl-istess mod;
- Jassiguraw li l-iskola għandha d-dettalji ta' kuntatt aġġornati, jiġifieri n-numru tal-mowbajl u kuntatti oħra, kif ukoll email li jużaw. Il-mezz ewlieni ta' komunikazzjoni li l-iskola tuża huwa wieħed onlajn.
- Jagħtu lil uliedhom ikel u xorb sustanzjuż u bnin;

- Jidħlu l-iskola mill-entratura tal-Iskola Sekondarja biss, u jmorru fir-reception desk biex jistaqsu għall-għajnuna;
- Ma jibagħtux lil binthom l-iskola jekk din tkun tħossha ma tiflaħx;
- Jirrispondu għall-komunikazzjonijiet mill-Iskola, li għandhom x'jaqsmu ma' binthom;
- Jiċċekkjaw u jżommu ruħhom infurmati permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni onlajn tal-iskola – MySchool;
- Jikkoperaw mal-istaff tal-iskola biex isolvu problemi fl-imġiba;
- Jattendu għal-laqgħat li jkunu organizzati apposta għalihom;
- Irawmu rispett għad-drittijiet u l-proprjetà ta' ħaddieħor;
- Jassumu r-responsabbiltà finanzjarja għal kwalunkwe ħsara kkawżata minn uliedhom, lill-proprjetà tal-iskola jew inkella dak li jappartjeni lil terzi persuni;
- Jinfurmaw lill-iskola jekk binthom ma tkunx se tattendi l-iskola f'dik it-tali ġurnata.

**L-istudenti jwiegħdu li:**

- Jattendu għal-lezzjonijiet kuljum u fil-ħin;
- Jkunu nodfa u puliti, u lebsin l-uniformi kif suppost;
- Iġibu ruħhom sewwa, bl-ordni, b'sigurtà u b'mod responsabbli;
- Jkunu preparati għax-xogħol li jingħata fil-klassi kif ukoll għall-attivitajiet, bl-affarijiet meħtieġa għal dak ix-xogħol;
- Jirrispettaw lil xulxin u l-proprjetà ta' ħaddieħor;
- Joqogħdu lura milli jużaw linwaġġ jew imġiba abbużiva;
- Jkunu responsabbli għax-xogħol tagħhom stess;
- Jimxu mar-regoli u r-regolamenti tal-iskola u tal-għalliema individwali fil-klassi;
- Jaċċettaw, jifhmu u jirrispettaw id-diversità u d-differenzi fost sħabhom l-istudenti u l-istaff;
- Jesprimu s-sentimenti u l-bżonnijiet b'mod kostruttiv u soċjalment xieraq;
- Jieħdu ħsieb u jkunu responsabbli tal-klassi tagħhom;
- Jġibu l-affarijiet u l-kotba kollha li jkollhom bżonn;
- Jsolvu d-differenzi ta' bejniethom permezz ta' metodi paċifiċi aċċettabbli bħal mhuma d-djalogu u l-kompromess.

**Imġiba fir-rigward tal-għalliema u l-awtoritajiet tal-iskola:**

- L-istudenti għandhom juru rispett lejhom infushom, lejn sħabhom u l-istaff kollu f'kull ħin u f'kull sitwazzjoni.

- Huwa sinjal ta' kortesija li ssellem lill-membru tal-istaff/amministrazzjoni meta dan jidħol fil-klassi.
- Jirringrazzjaw lill-għalliema tal-lezzjoni sabiex juru kortesija u apprezzament għall-isforz tal-għalliem/a.

  L-istudenti huma mistennija jirrispettaw il-prattiċi msemmija hawn fuq.

## 2. Notifiki tal-Imġiba

Biex ngħinu lill-istudenti jimmaturaw u jsiru persuni responsabbli, huma jridu jiġu konxji li kull azzjoni, imġiba u deċiżjoni li jieħdu ġġorr magħha konsegwenza. Il-ġenituri u l-istudenti jiġu mgħarrfa permezz tas-sistema onlajn *MySchool*. Kull ġimgħa jsiru laqgħat fejn matulhom il-*Form Coordinators* ta' kull sena u l-SLT jiddiskutu kwalunkwe mġiba tat-tħassib.

*Min jista' jagħti notifika tal-imġiba?*

Il-membri tal-SLT, l-għalliema, l-LSEs, persuni tekniċi u l-istaff segretarjali jistgħu jagħtu notifiki ta' mġiba.

*Meta tingħata notifika għall-kwistjoni akkademika?*

Kwistjonijiet akkademiċi **jistgħu jinkludu**, iżda mhumiex esklussivi għal:

Dewmien repetittiv fl-għoti tax-xogħol assenjat u nuqqas ta' kotba u/jew materjal meħtieġ għal-lezzjonijiet.

*X'jiġri meta tingħata notifika bħal din?*

Ir-raġuni ewlenija għala tinħareġ din in-notifika hija sabiex il-ġenituri jkunu infurmati bl-imġiba ta' binthom. Il-ġenituri mhumiex mitluba jiffirmaw din in-notifika. Il-konsegwenzi għal repetizzjoni ta' kwistjonijiet akkademiċi jistgħu jinkludu: brejk ġewwa, tinżamm wara l-iskola, u/jew inċemplu lill-ġenituri sabiex niltaqgħu u niddiskutu l-modi li bihom nistgħu nissapportjaw lill-istudenta.

*Notifika minħabba kwistjonijiet fl-imġiba*

Kwistjonijiet fl-imġiba **jistgħu jinkludu**, imma mhumiex esklussivi għal:

Tasal tard b'mod repetut għal-lezzjonijiet, ittellef waqt il-lezzjonijiet, ma turix rispett lejn studenti oħra u/jew membri tal-istaff, tiġi l-iskola mingħajr ma tkun liebsa l-uniformi kif suppost u mingħajr in-nota mingħand il-ġenitur/kustodju li jagħti r-raġuni (ara wkoll sezzjoni 3.13); liebsa affarijiet ipprojbiti bħalma huma l-ġel fuq id-dwiefer, aktar minn par imsielet wieħed, iżżomm il-klassi

maħmuġa u turi mġiba ħażina jew ma żżommx mal-proċeduri tal-iskola waqt il-ħarġiet (ara sezzjoni 3.1). Imġiba ħażina, anke jekk ta' darba, tista' twassal għal notifika u konsegwenzi relatati.

*X'jiġri meta tingħata notifika bħal din?*
Ir-raġuni ewlenija għala tinħareġ din it-twissija hija sabiex il-ġenituri jkunu infurmati bl-imġiba ta' binthom. Il-ġenituri mhumiex mitluba jiffirmaw din in-notifika. Il-konsegwenzi għal repetizzjoni ta' kwistjonijiet ta' mġiba jistgħu jinkludu: brejk ġewwa, tinżamm wara l-iskola, u/jew inċemplu lill-ġenituri sabiex niltaqgħu u niddiskutu l-modi li bihom nistgħu nissapportjaw lill-istudenta.

**Twissija Serja**: din tingħata f'każijiet fejn l-offiżi jkunu meqjusin serji mill-awtoritajiet tal-iskola. Il-ġenituri jkunu infurmati verbalment mill-SLT dwar l-imġiba serja ta' binthom, u wkoll dwar il-konsegwenzi li jvarjaw minn każ għal ieħor. Twissijiet serji huma wkoll imniżżlin fuq MySchool. Twissija serja jista' jkun li titlob lill-istudenta biex tibqa' wara l-ħin tal-iskola immedjatament jew inkella tirċievi konsegwenza oħra li titqies xierqa mill-amministrazzjoni tal-iskola. Din tista' tinkludi li l-istudenta tkun eskluża milli tattendi l-iskola għal xi jiem jew inkella billi tagħmel xogħol fil-komunità tal-iskola stess jew inkella barra mill-iskola. (Irreferi għal Xogħol fil-Komunità fis-sezzjoni t'hawn isfel).

**Premju**: din in-notifika tingħata bħala forma ta' inkoraġġiment għal imġiba tajba u kontinwa 'l fuq minn dak mistenni fin-normi ta' mġiba mistennija. Eżempji jinkludu premjijiet għal sforz u kisba eċċezzjonali u għal atti ta' solidarjetà. Huwa importanti li wieħed jinnota li n-notifiki ta' premju ma jingħatawx meta l-istudenta twettaq id-dmirijiet normali bħalma huwa x-xogħol għad-dar.

Dawn in-notifiki huma mniżżlin fuq MySchool u jinżammu minn sena għal sena, b'hekk jagħmluha eħfef u aktar ġusta meta nimlew il-karti tal-assessjar tal-istudenti kif ukoll il-profil u ċ-ċertifikat tal-iskola sekondarja (SSC&P) fl-aħħar tal-Form 5.

**<u>Xogħol fil-Komunità</u>**
Xogħol fil-komunità jiġi mogħti lill-istudenti bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' rispett kbir, nuqqas ta' solidarjetà jew krudeltà. Dan ix-xogħol jista' jkun ta' opportunità għall-istudenti biex jirriflettu fuq l-azzjonijiet li huma għamlu u b'hekk ikunu kapaċi jifhmu kif membri oħra fil-komunità tal-iskola ġew affettwati. Din l-esperjenza għandha tgħin lill-istudenti fil-proċess tal-iżvilupp morali tagħhom.

## 3. Policies

### 3.1. Ħarġiet u Mġiba Oħra 'l Barra mill-Iskola

L-iskola tagħna timpenja ruħha li tiżgura li l-istudenti jaġixxu bħala ambaxxaturi pożittivi tal-iskola f'kull ħin, kemm meta jkunu fl-iskola u anke meta mhumiex qegħdin fil-bini tal-iskola. Għalhekk, huwa mistenni li l-istudenti:

- Jġibu ruħhom sew fi triqithom lejn u mill-iskola, b'kull mezz li huma jistgħu jużaw biex jivjaġġaw;
- Jġibu ruħhom b'mod mixtieq (skont kif ikun indikat mill-għalliema u l-LSEs) f'żjarat edukattivi jew meta jżuru istituzzjonijiet edukattivi oħra;
- M'għandhomx jheddu s-saħħa, is-sigurtà jew il-benesseri ta' studenti oħra, tal-membri tal-istaff, voluntiera jew membri oħra tal-pubbliku bl-ebda mod meta jkunu barra mill-iskola u lebsin l-uniformi tal-iskola;
- Ma jitlajjawx ħdejn l-iskola u jimblukkaw il-passaġġ li jwassal għall-entratura tal-iskola;
- Ma jeħdux magħhom il-mowbajls sakemm ma jkunx imsemmi fil-formola ta' kunsens;
- Ma jeħdux ritratti ta' persuni oħra mingħajr il-permess tal-persuni nfushom;
- Ma jippubblikawx stampi/ritratti u/jew vidjows li jkunu ttieħdu waqt ħarġiet fuq kwalunkwe forma ta' midja soċjali jew websajts;
- Jagħtu lura l-formola ta' kunsens mimlija qabel il-ħarġa nfisha;
- Jilbsu l-uniformi kif mistenni minnhom skont kif tkun imniżżla fil-formola ta' kunsens mogħtija.

Ħargiet edukattivi, *field trips*, *live-ins* u seminars huma awtorizzati mill-iskola u huma effettivament estensjoni tal-klassi li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanjiet edukattivi. Għalhekk, l-istudenti huma mistennija li jattendu għal dawn l-attivitajiet, u l-ġenituri huma mistennija li jinkoraġġixxu lil uliedhom biex jattendu. L-iskola għandha tinforma lill-ġenituri bl-attività ħalli huma jkunu jistgħu jiksbu l-kunsens tagħhom jew onlajn jew inkella billi jagħtu lil binthom il-formola ta' kunsens. Il-kunsens tal-ġenituri huwa meħtieġ għaliex l-istudenti ma jkunux jistgħu jintbagħtu f'attivitajiet 'il barra mill-iskola mingħajr il-firma ta' kunsens tal-ġenitur. Jekk l-istudenta tinsa ġġib lura l-formola ta' kunsens iffirmata, din ma titħalliex tipparteċipa f'dik il-ħarġa.

Jekk studenta ma tattendix għal attivitajiet bħal dawn, hi tiġi kkunsidrata assenti, sakemm ma jkunx hemm raġuni valida għal dan in-nuqqas tagħha li jingħata bil-quddiem, bil-miktub, lill-Amministrazzjoni tal-iskola. Aċċettazzjoni ta' dawn in-noti hija fid-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni. L-istudenti jistgħu jintalbu ċertifikat mediku.

## 3.2. Oġġetti Personali

- Kwalunkwe oġġett li jista' jikkawża ħsara huwa pprojbit;
- Oġġetti ta' valur: L-istudenti huma responsabbli għall-proprjetà tagħhom u m'għandhomx iġibu oġġetti ta' valur jew ammonti eċċessivi ta' flus l-iskola;
- L-ammont ta' flus meħtieġ biss għandu jinġieb l-iskola. L-istudenti jridu jġorru l-portmoni/kartiera tagħhom kullimkien u f'kull ħin;
- Il-mowbajls jew apparat elettroniku ieħor m'għandux jinġieb l-iskola sakemm l-istudenta ma jkollhiex vera bżonnhom. Jekk l-istudenti jġibuhom magħhom l-iskola, dawn għandhom jintfew u jħalluhom fi qfief apposta malli jidħlu l-iskola. Dawn imbagħad ikunu jistgħu jiġbruhom lura fis-2.20pm;
- Barra minn hekk, l-iskola ma żżommx lilha nfisha responsabbli, jekk xi apparat elettroniku, flus jew oġġetti ta' valur jiġu misruqa, mitlufin jew iġarrbu xi ħsara.
- Jistgħu jsiru verifiki każwali fuq il-post biex naraw li l-istudenti ma jkollhom l-ebda oġġetti pprojbiti fuqhom. Jekk jinstabu dawn l-oġġetti, tista' tingħata twissija serja u l-oġġett ikun ikkonfiskat.
- Studenti li jġibu magħhom apparat biex jirrekordjaw għal xi proġetti jew attivitajiet tal-iskola għandhom bżonn permess mingħand l-għalliem/a kkonċernat/a. Kull ritratt meħud jew *clips* irrekordjati ma jistgħu bl-ebda mod jiġu ppubblikati fuq kwalunkwe websajt tal-komunikazzjoni soċjali, bħal Facebook. Jekk din tiġri, tista' tingħata twissija serja u l-materjal ippubblikat jiġi ordnat li jitneħħa immedjatament.

## 3.3. Ġurnata Skolastika u Assembly

- Il-kanċell tal-iskola jinfetaħ fis-7.30am u jagħlaq fit-8.00am. L-ewwel qanpiena ddoqq fit-8.00am biex tinforma lill-istudenti li jistgħu jidħlu l-iskola u jippreparaw ruħhom għall-ewwel lezzjoni. L-istudenti li jaslu tard jitniżżlilhom isimhom.
- Il-Form time isir bejn it-8.05am u t-8.10am. Matul dan il-ħin, il-Form teachers jieħdu l-attendenza.
- Fit-8.10am iddoqq it-tieni qanpiena u din tindika l-bidu tal-ewwel lezzjoni.
- L-assembly issir kull nhar ta' Erbgħa f'nofsinhar, wara l-Form time.
- Il-ġurnata tal-iskola tispiċċa fis-2.20pm.
- L-istudenti għandhom jidħlu u joħorġu mill-iskola min-naħa tal-iskola sekondarja **biss** u ma jistgħux jgħaddu miż-żona tal-primarja.

Il-bieb tal-iskola ma jistax jinfetaħ mingħajr l-awtorizzazzjoni mill-Amministrazzjoni.

**3.4. Puntwalità**

- Kull meta l-istudenti jaslu tard l-iskola, iridu jinfurmaw lill-Amministrazzjoni jew lil xi membru maħtur tal-istaff.
- Il-ġenituri jkunu infurmati bin-nuqqas ta' puntwalità ta' binthom u f'każ fejn l-istudenta tasal tard l-iskola ripetutament, din tista' tintbagħat lura d-dar.
- L-istudenti m'għandhomx jitlajjaw fil-kurituri imma għandhom jimxu b'pass meqjus għal-lezzjoni. L-istudenti kollha għandhom ikunu preżenti fil-bidu ta' kull lezzjoni. Jekk l-istudenti jaslu tard għal-lezzjonijiet, l-għalliem/a għandu/ha tibgħat lill-istudenta fejn membru mill-SLT ħalli tinħarġilha notifika li kienet tard. Tista' tinħareġ ukoll notifika ta' mġiba.

**3.5 Bidu tal-Lezzjonijiet**

- Malli tibda l-lezzjoni, l-istudenti mhumiex permessi li joħorġu mill-klassi mingħajr ma jieħdu permess mingħand l-għalliem/a.
- L-istudenti ma jistgħux imorru t-tojlit bejn il-lezzjonijiet. Huma għandhom jistennew lill-għalliem/a tal-lezzjoni li jkun imiss biex jieħdu permess.
- L-istudenti huma mistennija li jġibu ruħhom tajjeb bejn lezzjoni u oħra, u jimxu malajr u b'mod ordnat meta jibdlu l-klassijiet. Huma għandhom jistennew lill-għalliem/a fis-skiet.
- Mhux permess ikel jew xorb waqt il-lezzjonijiet, sakemm ma jagħtix/tagħtix permess l-għalliem/a.
- Il-ġiri u l-għajjat fil-kurituri mhumiex permessi fl-iskola.
- Kull meta l-istudenta jkollha titlef lezzjoni, jew inkella tkun sejra tard għal xi lezzjoni, din għandha tippreżenta nota bil-miktub mill-Amministrazzjoni tal-iskola li tiġġustifika l-assenza tagħha. Din in-nota tkun iffirmata minn xi membru tal-Amministrazzjoni, jekk jingħata l-permess biss. L-Amministrazzjoni tiddeċiedi jekk jingħatax il-permess jew le. L-istudenta mbagħad trid tagħti din in-nota lis-Segretarja tal-iskola ħalli hi mbagħad tinforma lill-għalliema kkonċernati permezz ta' MySchool.

## 3.6 Servizzi ta' Guidance u Counselling

- Is-servizzi ta' pariri u gwida mingħand l-għalliema inkarigati huma disponibbli għall-istudenti kollha. Il-ħsieb ta' dawn is-servizzi huwa li jgħinu lill-istudenti. Għalhekk, il-ġenituri m'għandhomx iħossuhom preokkupati meta wliedhom jibbenefikaw minn dawn is-servizzi.
- Meta l-istess studenta tirċievi numru ta' twissijiet għal imġiba ħażina repetuta, jista' jagħti l-każ li jkun hemm riferiment għal għand il-Guidance Teacher. L-għan ta' dan huwa sabiex nifhmu aktar l-imġiba tal-istudenta u ngħinuha tittratta kwistjonijiet paritkolari.
- Jekk l-għalliem/a jħoss/tħoss li l-istudenta għandha bżonn is-sapport, jirreferiha/tirreferiha għal għand il-Guidance teachers kif meħtieġ.
- Jekk xi studenta tkun tixtieq li tagħmel appuntament mal-Counsellor, din trid titlob laqgħa permezz tal-Guidance Teachers. Il-Guidance Teachers jagħtu l-appuntament lill-istudenta. Jekk l-istudenta tkun tixtieq tagħmel appuntament mal-Guidace Teacher, tista' tagħmel dan hi stess, direttament mill-uffiċċju tal-Guidance Teachers fil-brejk.
- L-istudenta għandna r-responsabbiltà li tiftakar id-data tal-appuntament. Meta l-istudenta taqbeż appuntament, din trid tistaqsi għal ieħor mill-ġdid.
- Qabel is-sessjoni, l-istudenta trid tinforma lill-għalliema li tkun se taqbeż il-lezzjoni tagħha sabiex tkun skużata għal dik il-lezzjoni partikolari.
- Jekk is-sessjoni tkun itwal minn lezzjoni waħda, l-għalliema tal-lezzjoni ta' wara tinforma lis-Segretarja tal-iskola dwar in-nuqqas tat-tali studenta fil-klassi. Din il-proċedura ssir sabiex niżguraw li jkun hemm kontroll tal-istudenti kollha fil-bini tal-iskola.

## 3.7 Proprjetà

- L-istudenti huma mistennija li jirrispettaw il-proprjetà tal-iskola.
- L-istudenti għandhom irwol importanti sabiex niżguraw li l-ambjent tal-iskola jkun wieħed nadif u attraenti.
- Kwalunkwe ħsara li ssir mill-istudenti fl-iskola trid tiġi mħallsa minnhom stess.
- L-istudenti m'għandhomx jaħlu r-riżorsi tal-iskola. Għalhekk għandhom ikunu responsabbli u jitfu d-dwal u l-fannijiet tal-klassijiet meta dawn ma jkunux qed jintużaw; ma jaħlux *toilet paper* fit-*toilets* u lanqas iħallu l-vitien tal-ilma miftuħin.

**3.8 Il-Ħin tal-Brejk**

- Waqt il-brejk ta' filgħodu u dak ta' nofsinhar, l-istudenti jħallu l-klassijiet tagħhom u jinżlu fil-*canteen* jew fil-grawnd.
- Sakemm ma jkunx intqal mod ieħor b'nota mingħand l-għalliema jew is-supervajżer tal-kuritur, l-istudenti ma jistgħux imorru fil-klassijiet għall-ebda raġuni waqt il-brejk.

**3.9 Tuck Shop u r-Regoli taż-Żona tal-Ikel**

- L-istudenti ma jistgħux jixtru waqt jew bejn il-lezzjonijiet.
- Li tarmi fl-art jew tħalli ż-żibel warajk huwa pprojbit. Jekk jogħġobkom użaw il-bins provduti biex tarmu ż-żibel. Karti, plastik, ħġieġ u metall nadif għandu jinxteħet fil-bins tar-riċiklaġġ apposta.
- Sabiex niżguraw l-istandards tal-iġjene tal-ikel, l-istudenti mhumiex permessi jidħlu fil-kċina.

**3.10 L-użu tat-toilet**

- Waqt il-lezzjonijiet, l-għalliema jistgħu jibagħtu studenta waħda waħda t-tojlit.
- Kemm-il darba l-istudenta jkollha bżonn tuża t-tojlit frekwenti, din għandha tipprovdi nota bil-miktub u tgħaddiha lil xi membru tal-SLT ħalli dan jinforma lill-membri tal-istaff rilevanti.

**3.11 Lokers**

Il-lokers huma proprjetà tal-iskola. Dawn għandhom ikunu miżmumin nodfa u jintużaw b'mod responsabbli. Barra minn hekk, jekk ikun xi ħsara din għandha titħallas mill-istudenta.

- Jekk l-istudenta tinsa ċ-ċavetta tal-loker, din tista' tistaqsi għal waħda sper mingħand is-Segretarja tal-iskola. Jekk l-istudenta tinsieha aktar minn darbtejn, ikollha tħallas penali.
- Jista' jsir tiftix fil-lokers tal-istudenti kull meta l-Amministrazzjoni tal-iskola jidhrilha li hu meħtieġ. Kull materjal li jmur kontra r-regoli u r-regolamenti tal-iskola jiġi kkonfiskat.
- Kull ħaġa li tinżamm fil-loker tibqa' fir-responsabbiltà tal-istudenta.
- Affarijiet li mhumiex relatati mal-materjal tal-iskola ma jistgħux jinżammu fil-loker.
- Jekk l-istudenta titlef iċ-ċavetta, hi trid tħallas għall-bdil tas-serratura.

L-użu tal-lokers:

1. L-istudenti jridu joqogħdu attenti li jieħdu magħhom id-dar il-kotba u l-pitazzi kollha li għandhom bżonn sabiex ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħol jew jistudjaw.
2. L-għalliema ma jistgħux jaċċettaw skużi jekk l-istudenta tinsa l-kotba jew l-pitazzi fil-loker, jew inkella tinsa ċ-ċavetta tal-loker.
3. L-istudenta ma tistax tħalli ħwejjeġ maħmuġin, ikel li jista' jeħżien jew oġġetti perikolużi fil-loker.
4. L-istudenti ma jistgħux jikru l-lokers f'pari jew gruppi.
5. L-Amministrazzjoni tal-iskola mhix responsabbli jekk l-oġġetti jġarrbu xi ħsara jew jinsterqu mil-loker.
6. L-istudenti mhumiex permessi li jużaw il-lokers waqt il-lezzjonijiet.

Aktar informazzjoni dwar il-lokers:

1. Fil-bidu tas-sena skolastika, l-istudenti jħallsu €15 għall-użu ta' kull loker u jingħataw iċ-ċavetta tal-loker tagħhom.
2. Fi tmiem is-sena skolastika, iċ-ċavetta tingħata lura u l-istudenta tingħata €5, dejjem jekk il-loker ikun għadu f'kundizzjoni tajba.
3. Jekk il-loker iġarrab xi ħsarat, id-depożistu jintilef.
4. Jekk il-ħsara taqbeż il-€5, l-istudenta trid tħallas l-ammont xieraq għat-tiswijiet.

## 3.12 Il-Basktijiet tal-Iskola

L-iskola tagħti prijorità lill-problema tal-basktijiet tal-iskola tqal u tapprova l-ħtieġa li teduka u tinforma lill-ġenituri, studenti u l-membri kollha tal-istaff dwar is-suġġett.

Għalhekk, huwa rrakkomandat ħafna li l-basktijiet jintużaw sewwa sabiex il-piż tat-tagħbija jinqasam fost il-muskoli tal-ġisem l-iktar b'saħħithom u hekk jiġu evitati korrimenti fil-muskoli u l-ġogi. Minħabba dan il-fatt, il-basktijiet tal-iskola għandu jkollhom dawn il-karatteristiċi:

- Żewġ ċineġ wesgħin u kkuttunati għall-ispalla;
- Dahar sod ikkuttunat;
- Ċineġ tal-qadd;
- Ikun materjal ħafif (għalkemm b'saħħtu).

Idealment il-basket ikollu kumpartimenti differenti u ċ-ċineg ikunu maqfulin sewwa bil-kotba t-tqal impoġġijin fiċ-ċentru tal-basket. Meta qed jinġarr il-basket, wieħed għandu jitbaxxa billi juża rkopptejh mhux jinżel fuq il-qadd. L-istudenti huma mħeġġa wkoll biex jagħmlu eżerċizzji li jsaħħu d-dahar, anke waqt il-lezzjonijiet tal-P.E., li jgħinu biex jibnu l-muskoli tad-dahar involuti fil-ġarr tal-basket.

Huwa importanti li nfakkru li basktijiet bir-roti mhumiex permessi għaliex dawn huma ta' periklu għall-istudenti waqt li huma jkunu tilgħin u neżlin it-taraġ meta/jekk jużaw tal-linja, apparti li dawn il-basktijiet għandhom tendenza li jkunu tqal anke meta huma vojta. Basktijiet b'ċinga waħda jew l-istil li ġġorr il-basket fuq ċinga waħda għandhom ikunu evitati wkoll.

Idealment, il-piż tal-basket tal-iskola bl-affarijiet fih ma jkunx jaqbeż l-10% tal-piż tal-istudenta. Il-piż tal-basket m'għandu qatt jaqbeż l-20% tal-piż tal-istudenta. Għal dawk li forsi mhumiex konxji, l-iskola ssegwi orarju bbażat fuq text-book u l-orarju jieħu inkonsiderazzjoni l-piż relattiv ikkombinat tal-kotba u apparat relatat kif ukoll stationery.

Għalhekk, sabiex jonqos il-piż li jrid jinġarr mill-istudenti, xi rakkomandazzjonijiet jinkludu:

- Immaniġġjar tajjeb fl-użu tal-lokers, fejn l-istudenti jiċċekkjaw l-affarijiet li għandhom fil-basket u jneħħu dak li m'għandhomx bżonn;
- L-istudenti jħallu d-dar l-affarijiet li mhumiex neċessarji, bħal pereżempju, pencil-case mimlija b'mod esaġerat b'stationery li m'għandhomx bżonn;
- Fejn possibbli, l-istudenti jużaw il-kotba f'verżjoni onlajn meta jkunu d-dar, ħalli jeliminaw il-bżonn li jieħdu kotba d-dar mill-iskola. Pereżempju, dizzjunarji u bibbji huma idealment li jkunu miżmumin fil-lokers u l-istudenti jagħmlu użu minn kopji onlajn meta jkunu d-dar;
- Jadottaw sistema ta' ffajljar fejn l-istudenti jkollhom bżonn iġorru magħhom biss ftit paġni lejn u lura mill-iskola. B'hekk ikunu qed jevitaw li jġorru fajls tqal magħhom kuljum, u
- Meta wieħed iqis li l-pakketti tan-noti ġew maqsumin f'fuljetti rqaq, l-istudenti jridu jaraw li jieħdu l-fuljett it-tajjeb għal-lezzjonijiet.

## 3.13 Kodiċi tal-Ilbies

L-uniformi tal-iskola tagħna tidentifika speċifikament lill-istudenti tagħna, u b'hekk tippermettilhom jakkwistaw sens ta' identità u appartenenza. Għalhekk, il-mod ta' kif l-istudenti tagħna jkunu jidhru

jirrifletti l-immaġni tal-iskola tagħna u għandu impatt sinjifikanti fuq il-mod ta' kif jarana ħaddieħor, inkluż il-pubbliku inġenerali. Minħabba dan il-fatt, l-iskola tistenna li l-istudenti jilbsu l-uniformi (kif spjegata hawn taħt) waqt il-ħinijiet tal-iskola, biex jivvjaġġaw lejn u lura mill-iskola u wkoll meta jieħdu sehem f'attivitajiet 'il barra mill-iskola.

**Studenti li ma jiġux l-iskola lebsin l-uniformi kif suppost għandhom iġibu magħhom nota bil-miktub mingħand il-ġenitur/kustodju tagħhom fejn jispjega r-raġuni għalfejn. Jekk l-istudenta tonqos milli ġġib in-nota, din tista' tingħata twissija ta' mġiba. Jista' jagħti l-każ li l-ġenituri jkunu mitlubin biex iġibu kulma hu meħtieġ ħalli l-istudenta jkollha l-uniformi kif suppost.**

L-uniformi tax-xitwa li tikkonsisti f':

- Qalziet griż
- Ġersi bil-kmiem twal ta' kulur il-*jade*
- Flokk (polo-shirt) bil-kmiem twal ta' kulur *jade*
- Żarbun iswed, b'qiegħ iswed (mhux papoċċ)
- Ix-xalpa tal-iskola li tintlibes meta jinħass il-bżonn
- Il-ġakketta tal-iskola

L-uniformi tas-sajf li tikkonsisti f':

- Qalziet griż
- Flokk (polo-shirt) bil-kmiem qosra, ta' kulur *jade*
- Żarbun iswed, b'qiegħ iswed (mhux papoċċ)

Il-P.E. kit li tinkludi:

- It-track suit tal-iskola bit-t-shirt *jade* taħt
- Meta t-temp ikun sħun, l-istudenti jistgħu jilbsu xorz taħt il-qalziet tat-track suit u mbagħad ineħħu l-qalziet waqt il-lezzjoni tal-P.E. biss. L-istudenti għandhom jiġu l-iskola bil-qalziet tat-track suit.
- Papoċċ abjad.

Ilbies ieħor jista' jkun permess minn żmien għal żmien f'ċirkustanzi eċċezzjonali.

L-istudenti tal-Arti, *Design and Techonology*, *Kimika u Bioloġija* minn Form 3 sa Form 5 għandhom jilbsu l-*lab coat* bħala parti mill-uniformi tal-iskola waqt is-sessjonijiet prattiċi. L-istudenti kollha tal-*Home Economics* għandhom jilbsu l-fardal u l-bandana waqt is-sessjonijiet prattiċi.

**Għal raġunijiet ta' saħħa u sigurtà jekk jogħġobkom ħudu nota tar-regoli dwar il-ġojjellerija, ix-xagħar, id-dwiefer u l-make-up.**

Ġojjellerija:

- L-istudenti jistgħu jilbsu par wieħed ta’ msielet żgħar u adattati, in-naħa t’isfel tal-widna , waħda f’kull widna.
- Arloġġ jista’ jintlibes imma brazzuletti, ġiżirajjen u ċrieket mhumiex permessi.
- Kull ġojjell li jmur kontra l-policy tal-iskola tagħna se jiġu kkonfiskati.

Xagħar:

Biex nippromwovu l-iġene tas-saħħa u l-indafa, ix-xagħar għandu jinżamm nadif u miġbur lura jekk ikun twil. L-ebda kulur stravaganti tax-xagħar mhu permess.

Dwiefer u make-up:

- Dwiefer bil-gel jew gelish mhumiex permessi. Jekk l-istudenti jiġu l-iskola b’dawn it-tip ta’ dwiefer, jingħataw twissija ta' imġiba immedjatament u jkunu mitluba jneħħuhom professjonalment qabel ma jkunu jistgħu jattendu l-iskola.
- Id-dwiefer għandhom jinżammu qosra u nodfa.
- Jekk studenta tiġi l-iskola u jkollha n-nail polish, din tintbagħat fl-uffiċċju tas-Segretarja biex tneħħih u tintalab tħallas miżata ta’ €1.
- Make-up mhuwiex permess. Jekk l-istudenta tiġi l-iskola bil-make-up, din tintalab tħallas €1 u tneħħih fl-uffiċċju tas-Segretarja.

L-istudenti huma mistennija jidhru smart u jżommu l-uniformijiet tagħhom nodfa u f’kundizzjoni tajba f’kull ħin. Kwalunkwe oġġett li jittebba’ jew jitqatta’ għandu jitnaddaf jew jinbidel immedjatament. Dan japplika għall-istudenti kollha, inkluż dawk li qegħdin fil-ħames sena.

## 3.14 Is-servizz tal-fotokopji

Is-servizz tal-fotokopji huwa disponibbli biss fil-ħinijiet tal-brejk. Is-servizz mhux se jkun disponibbli fl-ebda uffiċċju filgħodu. Biex tevita l-kju u li toqgħod tistenna, tista' tibgħat email mid-dar bix-xogħol li trid ipprintjat fuq photocopies@bishopsconservatory.edu.mt u jkunu lesti

sal-ewwel brejk tal-ġurnata ta' wara għand Ms Melissa. Għalhekk, jekk ix-xogħol għandek bżonnu fl-ewwel tliet lezzjonijiet, ix-xogħol għandu jkun mibgħut kmieni biżżejjed sabiex ikun jista' jinġabar fil-ġurnata ta' qabel.

## 4. Policy tal-Assessjar

**L-assessjar**

*"Assessment is an integral part of the learning and teaching process providing students and their parents with continuous, timely and qualitative feedback about children's progress, giving teachers information about their practice and providing school and colleges with information about their curriculum planning, learning and teaching."* National Curriculum Framework, 2012

**L-iskop tal-policy tal-assessjar**

Il-policy tal-assessjar hija intenzjonata biex tipprovdi viżjoni ċara ta' għaliex, kif, u x'nassessjaw fl-iskola tagħna lill-partijiet interessati.

**Għalfejn nassessjaw?**

**Biex nidentifikaw** dak li jafu l-istudenti u xi jmisshom jitgħallmu

**Biex ninfurmaw** l-ippjanar tal-għalliema u ninfurmaw lill-ġenituri

**Biex nikkalkulaw** il-progress

**Biex nevalwaw** l-impressjoni tal-metodi tat-tagħlim u l-interventi

**Biex nimmotivaw** lill-għalliema u l-istudenti

**Biex nikkonformaw** mar-rekwiżiti nazzjonali u npoġġu l-iskola mal-istandards nazzjonali waqt li nimmiraw li naqbżuhom.

**Metodi ta' assessjar użati fl-iskola tagħna**

Fl-iskola nużaw tliet tipi prinċipali t'assessjar: l-assessjar kontinwu, l-assessjar summattiv ibbażat fl-iskola kif ukoll l-assessjar summattiv standardizzat nazzjonali bħalma huwa s-SEC.

**L-Assessjar Kontinwu**

L-assessjar kontinwu huwa parti mir-rutina ta' kuljum fil-klassi fejn l-għalliema jaraw il-progress tal-istudenti u jipprovdu feedback. L-assessjar kontinwu fl-iskola tagħna jista' jinkludi, fost kompiti oħra, iċċekkjar tax-xogħol għad-dar, mistoqsijiet, osservazzjoni tal-għalliema fuq l-abbiltà tal-istudenta, preżentazzjonijiet, diskussjonijiet u kwiżis.

L-assessjar kontinwu jipprovdi stampa aktar ċara lill-ġenturi dwar il-ħiliet ta' binthom kif ukoll fejn jistgħu jitjiebu. Din l-informazzjoni tkun aċċessibbli għalihom matul is-sena fuq l-kont tagħhom ta' MySchool u dettalji speċifiċi dwar il-progress jingħataw waqt il-*Parents' Day* u *Parents'Evening* kif ukoll fiż-żewġ rapporti mogħtija fi Frar u f'Lulju.

**L-Assessjar fil-Form 1 u Form 2**

Fil-Form 1 u Form 2 se nkunu qed nintroduċu formalment l-Assessjar Kontinwu fis-sistema tar-rapporti tagħna. Din timplika li r-rapporti se jenfasizzaw aktar fuq l-isforz li l-istudenta tagħmel matul is-sena aktar milli jagħtu l-importanza lis-sessjoni tal-eżami nnifsu biss. Dan il-metodu jgħin iżjed lill-istudenti kif ukoll lill-edukaturi u ġenituri biex jiksbu stampa aktar ċara tal-kapaċitajiet u d-dgħjufijiet tal-istudenta f'kwalunkwe qasam tat-tagħlim. Dan li se jkun hawn imniżżel hawn isfel se jgħinek biex tifhem iżjed x'jirrappreżentaw il-marki ta' kull suġġett fir-rapport li jinħareġ fl-aħħar tat-term. Għandhom jinħarġu żewġ rapporti matul is-sena; wieħed fi Frar u l-ieħor f'Lulju.

Ir-rapport ta' Frar jinbena fuq l-assessjar kontinwu kif maqsum għal kull suġġett hawn taħt.

Ir-rapport ta' Lulju jiġbor fih il-marki ta' kull suġġett skont kif imqassma hawn:

- 30% maħruġa mill-assessjar kontinwu tal-kompiti maħduma matul is-sena skolastika;
- 70% tinħareġ mill-marka li l-istudenta ġġib fl-eżami annwali.

Noti:

a) L-eżamijiet tal-Lingwa u x-Xjenza jkollhom ukoll l-orali flimkien mal-komponent tal-kitba.

b) *Home Economics* u *Design and Technology* ma għandhomx eżami u għalhekk dawn jiġu assessjati biss bl-assessjar kontinwu.

Apparti l-marka, f'kull rapport għandkom issibu iżjed informazzjoni speċifika dwar l-għanjiet u sa liema punt dawn ġew milħuqa mill-istudenta. Dan għandu jgħin lill-ġenituri u studenti biex jiksbu stampa aktar ċara tal-progress tal-studenta.

| ICT C3 | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Assessjar kontinwu mogħti fil-klassi li fih 2 proġetti | 60% |
| L-eżami nazzjonali annwali | 40% |

| Assessjar Kontinwu: Matematika | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Xogħol fl-aħħar tat-topik | 40% |
| Kompiti | 10% |
| Testijiet | 20% |
| Maths Trail | 10% |
| Kwiżż | 10% |
| Xogħol fi gruppi | 5% |
| Parteċipazzjoni | 5% |

| Assessjar Kontinwu - Xjenza | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Xogħol fil-klassi | 50% |
| Xogħol għad-dar | 20% |
| Lab reports | 20% |
| Preżentazzjoni | 5% |
| Parteċipazzjoni fil-lezzjonijiet | 5% |

| Assessjar Kontinwu: Malti | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Smigħ | 25% |
| Taħdit | 25% |
| Qari | 25% |

| | |
|---|---|
| Kitba | 25% |

| Assessjar Kontinwu: Reliġjon Form 1 | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Xogħol għad-dar | 40% |
| Xogħol fil-klassi | 20% |
| Preżentazzjonijiet | 20% |
| Kompitu fl-aħħar tat-topik | 10% |
| Parteċipazzjoni fil-klassi | 10% |

| Assessjar Kontinwu: Reliġjon Form 2 | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Testijiet | 30% |
| Xogħol fi gruppi/preżentazzjonijiet | 20% |
| Xogħol fil-klassi | 20% |
| Xogħol għad-dar | 10% |
| Kwiżż | 10% |
| Riċerka | 10% |

| Assessjar Kontinwu: Home Economics | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Kompiti | 60% |
| Prattiċi | 40% |

| Assessjar Kontinwu: Ingliż | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Smigħ | 20% |
| Qari | 20% |
| Taħdit | 20% |
| Kitba | 20% |
| Użu tal-lingwa | 15% |
| Parteċipazzjoni | 5% |

| Assessjar Kontinwu: Letteratura Ingliża | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Poeżija | 25% |
| Proża | 25% |
| Drama | 25% |
| Siltiet bla preparazzjoni minn qabel | 15% |
| Kwiżż | 5% |
| Parteċipazzjoni | 5% |

| Assessjar Kontinwu: Lingwi Barranin | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Smigħ | 25% |
| Taħdit | 25% |

| | |
|---|---|
| Qari | 25% |
| Kitba | 25% |

| Assessjar Kontinwu: Design and Technology | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Xogħol tal-proġett<br>Disinn tal-folio u prodott | 80% |
| *Workbook* | 20% |

| Assessjar Kontinwu: Ġografija | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Xogħol għad-dar | 30% |
| Xogħol fil-klassi | 30% |
| Proġett | 20% |
| Riċerka | 15% |
| Parteċipazzjoni | 5% |

| Assessjar Kontinwu: Studju Soċjali | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Xogħol għad-dar | 30% |
| Xogħol fil-klassi | 30% |
| Riċerka | 20% |
| Preżentazzjonijiet | 20% |

| Assessjar Kontinwu: Storja | |
|---|---|
| Tip ta' xogħol mogħti | Persentaġġ li jikkontribwixxi għall-marka tar-rapport |
| Xogħol għad-dar | 50% |
| Kompiti | 20% |
| Testijiet | 10% |
| Xogħol fil-klassi | 10% |
| Riċerka | 10% |

**Assessjar fil-Form 3, Form 4 u Form 5**

L-assessjar fil-Form 3, Form 4 u Form 5, ġeneralment jieħu l-forma ta' kompiti gradati, testijiet u eżamijiet magħmula mill-istudenti fi Frar u f'Ġunju. L-istudenti tal-Form 3, 4 u 5 huma ppreparati għall-eżamijiet nazzjonali tas-SEC li l-istudenti jagħmlu fl-aħħar tal-Form 5 jew inkella fl-aħħar tal-Forms 3, 4 u 5 fil-każ tal-Hospitality peress li huwa suġġett vokazzjonali.

Il-progress tal-istudenti f'termini ta' assessjar summattiv kif spjegat hawn fuq huwa aċċessibbli għall-ġenituri matul is-sena skolastika fuq il-pjattaforma tal-iskola MySchool. Il-marki miksuba mill-istudenti matul is-sena jikkontribwixxu għall-marka tal-assessjar u l-marka tal-eżami fuq ir-rapport tat-term.

Il-marka tal-Assessjar fuq ir-rapporti tat-term

Din il-marka tinkludi l-kompiti kollha li jġorru marka, li nħadmu matul is-sena kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-istudenta fil-klassi. Il-mod ta' kif tinqasam din il-marka f'kull suġġett tiġi diskussa fid-dipartimenti differenti u mbagħad l-għalliema jgħarrfu lill-istudenti fil-bidu ta' kull sena skolastika.

L-eżamijiet tal-iskola

Il-marki maħruġa mill-eżamijiet tal-iskola tal-Form 3 u Form 4, ma jinkludux biss il-marka li kisbu l-istudenti fl-eżami nnifsu imma persentaġġ mill-marka mniżżla fir-rapport toħroġ minn numru ta' kompiti li jkunu saru fil-klassi. L-għalliema għandhom jinfurmaw lill-istudenti dwar liema kompiti li jsiru fil-kassi se jkunu inklużi fil-marka tar-rapport ta' kull term.

Peress li l-istudenti tal-Form 5 dalwaqt ikunu se jagħmlu l-eżamijiet nazzjonali tas-Sec, il-marka tal-eżami tkun miksuba mill-eżami nnifsu biss. Ix-xogħol li jkun sar matul is-sena jiġi kkontribwit mal-marka tal-assessjar.

Fl-iskola tal-Koservatorju tal-Isqof, aħna nemmnu li l-marki mhumiex suffiċjenti biex jinfurmaw lill-istudenti dwar il-progress tagħhom fis-suġġetti differenti li huma għandhom. Għalhekk nagħtu importanza lill-feedback li jingħatalhom kemm oralment u anke bil-miktub.

L-eżamijiet tal-Lingwa u x-Xjenza jkollhom ukoll l-orali flimkien mal-komponent tal-kitba.

<u>Feedback għall-eżamijiet ta' nofs is-sena</u>

Meta l-karti tal-eżamijiet ikunu kkoreġuti, l-istudenti kollha jingħataw il-karta tal-eżami tagħhom u tiġi diskussa fil-klassi. Din tkun opportunità li tipprovdi feedback mhux biss lill-istudenti iżda wkoll lill-għalliema. Waqt il-feedback, l-istudenti jkunu mħeġġa biex ikomplu jibnu fuq dak li diġà tgħallmu. L-istudenti jkollhom il-ħin biex jaraw il-karta bil-kwiet fil-klassi, waqt li l-għalliem/a jagħti/tagħti feedback individwali lil kull studenta filwaqt li jikkummenta/tikkummenta b'mod kostruttiv fuq ix-xogħol. B'dan il-mod, l-istudenta jkollha l-possibbiltà li tara fejn laħqet l-għajniet ta' xi partijiet partikolari u fejn għandha bżonn taħdem iżjed.

<u>Feedback għall-eżamijiet annwali</u>

Peress li l-istudenti ma jkollhomx il-possibbiltà li jaraw il-karta tal-eżami kkoreġuta, fl-iskola tagħna hija prattika komuni li l-għalliema kollha jiktbu kummenti biex ifissru aħjar il-marka miġjuba mill-istudenta.

*<u>Grade reports</u>*

Apparti l-assessjar kontinwu disponibbli għall-istudenti u l-ġenituri fuq MySchool matul is-sena kollha, l-iskola toħroġ ukoll żewġ rapporti fiż-żewġ termi bl-informazzjoni dwar il-progress tal-istudenta. Wieħed jinħareġ għall-bidu ta' Marzu u l-ieħor f'Lulju. Dawn ir-rapporti, huma disponibbli fil-format pdf fuq MySchool taħt it-tab 'Term Reports' u jistgħu jiġu mniżżla u pprintjati.

**Sottomissjoni tax-xogħol tal-istudenta –** <u>xogħol għad-dar, xogħol fil-kassi u assignments oħra</u>

- Kull xogħol mogħti huwa għodda importanti ta' tagħlim.
- **L-istudenti jridu jiżguraw li l-kompiti jlestuhom u jagħtuhom lill-għalliem/a fil-ħin**

- **Jekk l-istudenta ssib xi diffikultajiet biex tlesti x-xogħol mogħti lilha, hija fir-responsabbiltà tagħha li tistaqsi għas-sapport mingħand l-għalliema, LSEs u l-Guidance teachers, ħalli tkun tista' tagħti xogħolha fil-ħin.**

Konsegwenzi meta x-xogħol mogħti ma jkunx lest/mibgħut fil-ħin:

**Il-konsegwenzi għandhom jiġu stabbiliti mill-ġudizzju professjonali tal-għalliema jew l-SMT, li jista' jieħu inkonsiderazzjoni l-fatturi li ġejjin:**
**l-età tal-istudenta, ġrajjiet preċedenti, l-istorja akkademika tal-istudenta u ċirkostanzi personali oħra.**

Wara li jiġi kkunsidrat dan t'hawn fuq, tiġi osservata l-proċedura ġenerali li ġejja:

- L-għalliem/a jagħti/tagħti twissija verbali lill-istudenta meta l-kompitu ma jkunx lest fid-data ta' skadenza. Il-kompitu nieqes għandu jiġi mogħti lill-għalliem/a l-għada jew fil-lezzjoni li jkun imiss.
- Jekk il-kompitu komplut ma jkunx mogħti lill-għalliem/a l-għada jew fil-lezzjoni li jmiss, l-għalliem/a jista' jagħti/tagħti twissija lill-istudenta. Kif indikat f'sezzjoni 2, il-ġenituri jkunu infurmati mill-pjattaforma ta' MySchool.
- Meta jinħass il-bżonn, il-ġenituri jista' jkun li jintalbu jattendu laqgħa biex jiġu diskussi xi soluzzjonijiet biex ngħinu lill-istudenta tagħti x-xogħol fil-ħin. L-istudenti jista' jkun li jiġu riferuti għand il-Guidance teachers għas-sapport.

Hawnhekk hawn xi suġġerimenti li jistgħu jgħinu lill-istudenti jkunu aktar organizzati f'xogħolhom:

- Ikteb ix-xogħol li għandek tagħmel id-dar fid-djarju tal-iskola immedjatament;
- Kun ċerta li fhimt tajjeb dak li huwa mistenni minnek;
- Kun assertiva u staqsi, jekk hemm bżonn, biex tkun ċerta li fhimt tajjeb dak li mistennija taħdem fuqu;
- Pjana ħin regolari għall-istudju;
- Sibt post għall-kwiet b'dawl tajjeb. Itfi l-internet/il-mowbajl jekk itellfuk;
- Aħdem fuq ix-xogħol għad-dar waħdek meta hu possibbli, għax iġiegħlek tirrifletti fuq l-abiltajiet TIEGĦEK;
- Agħmel xogħol pulit u ta' kwalità;
- Ħu ħsieb li x-xogħol li kellek tkun għamiltu skont ma kien mitlub minnek u lestejtu fil-ħin.

## 5. Il-Proċeduri tal-Eżamijiet

1. L-istudenti jridu jkunu l-iskola kwarta qabel ma jibda l-eżami.
2. Il-kamra tkun imniżżla fuq in-notice board fil-foyer.
3. Il-basktijiet tal-iskola, pencil cases, noti, notebooks u affarijiet oħra li mhumiex neċessarji għall-eżami m'għandhomx jitħallew maġenb jew fuq il-mejda. L-istationery u l-affarijiet bżonjużi inkluż il-calculators (meta bżonnha) jistgħu jitħallew fuq/taħt il-mejda.
4. Meta jingħataw l-istruzzjonijiet biex jidħlu fil-kamra, l-istudenti għandhom jidħlu fil-kwiet u bl-ordni.
5. L-istudenti ma jistgħux imorru t-tojlit fl-ewwel nofs siegħa tal-eżami.
6. Apparti fl-eżamijiet orali, l-istudenti jistgħu jitilqu mill-kamra tal-eżami meta jkun spiċċa l-ħin ta' dak l-eżami partikolari.
7. Tittieħed azzjoni jekk xi ħadd jinqabad jitkellem jew jikkopja waqt l-eżami.
8. Ma jingħatax ħin miżjud jekk xi studenti jaslu tard għall-eżami.
9. Jekk l-istudenta tkun ma tiflaħx/ma tattendix għall-eżami, l-eżami ma jistax jiġi repetut, anke jekk l-eżami jkun orali jew eżami tas-smigħ u jkun sar f'perjodu 'l barra minn dak tal-eżamijiet.
10. Waqt il-ġimgħa tal-eżamijiet, l-istudenti li jkunu ma jifilħux u jitilfu eżami għandhom jippreżentaw ċertifikat mediku, anke jekk ikunu morda għall-ġurnata waħda biss. Jekk l-istudenta ma tippreżentax dan iċ-ċertifkat, tiġi mniżżla bħala assenti fir-rapport ta' dak it-term.

## 6. Bullying

Il-benesseri soċjali u emozzjonali tal-istudenti jinsab fil-qalba tal-etos tal-iskola tagħna. Ħafna drabi l-aggressività jew l-imġiba kattiva tissejjaħ bullying. Madankollu, id-definizzjoni ta' bullying tispjega ċar ħafna kif dan mhuwiex il-każ:

> ***Imġiba ta' bullying huma dawk l-azzjonijiet li jiġu repetuti ħafna drabi għal tul ta' żmien mill-istess persuna jew grupp ta' persuni u huma intenzjonati biex iweġġgħu b'mod dirett jew indirett lil persuna li għandha diffikultà tiddefendi lilha nnifsha.***

Kwalunkwe definizzjoni ta' bullying li tintuża, kollha fihom xebh f'li l-imġiba hija repetuta, aggressiva u intenzjonata biex tikseb poter. L-iskola ma tittollera l-ebda tip ta' bullying u tikkommetti ruħha li tieħu azzjonijiet xierqa meta tara l-bżonn. L-istudenti tagħna huma mgħallma mit-tim ta' persuni li joffru l-għajnuna fl-iskola u l-għalliema tal-PSCD tagħhom dwar kif għandhom ifittxu l-għajnuna meta jħossu l-ħtieġa. L-avvenimenti rrappurtati kollha huma segwiti mit-tim ta' persuni li joffru l-għajnuna fl-iskola u l-SLT.

## 7. Policy tal-Attendenza

**Proċedura li għandha tiġi segwita meta studenta tkun assenti:**

Meta l-istudenta ma tiġix l-iskola, din tiġi mmarkata assenti. Hija fir-responsabbiltà tal-ġenitur/kustodju li jikteb nota jew email, jispjega r-raġuni għal din l-assenza. Jekk tinkiteb nota, din trid tiġi preżentata lis-Segretarja tal-iskola fl-ewwel ġurnata li tirritorna l-iskola. Il-ġranet assenti jridu jkunu miktubin b'mod ċar fin-nota. Jekk il-ġenitur/kustodju jagħżel li jibgħat email, trid tintbagħat email għal kull ġurnata li l-istudenta tfalli jekk ma jkunx hemm imniżżel il-ġranet kollha li se tkun assenti fl-ewwel email li tintbagħat. L-emails kollha tal-attendenza għandhom jintbagħtu fuq attendance@bishopsconservaordy.edu.mt

- Jekk ma tiġix ppreżentata nota jew inkella tintbagħat email, l-istudenta awtomatikament tibqa' mniżżla assenti. Jekk ir-raġuni li tingħata għall-assenza tal-istudenta tiġi aċċettata mill-Amministrazzjoni tal-iskola, din tiġi mmarkata skużata.
- Jekk l-istudenta tkun ma tiflaħx u tmur għand tabib, in-nota tista' tiġi mibdula maċ-ċertifikat mediku.
- Meta l-istudenta tkun ma tiflaħx għal aktar minn tlett ijiem f'xahar, għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku minħabba l-assenza tagħha sa mhux aktar tard minn tlett ijiem wara li l-istudenta tirritorna l-iskola. Jekk l-istudenta tkun ma tiflaħx għal aktar minn ħamest ijiem ġranet skolastiċi konsekuttivi, iċ-ċertifikat mediku għandu jingħata fl-ewwel ġurnata li l-istudenta tiġi lura l-iskola.
- Ċertifikat mediku wieħed ma jistax ikopri assenza ta' ġranet separati.
- Rekord tal-attendenza huwa muri fuq MySchool.
- Jekk l-istudenta tkun ma tiflaħx għal xi eżami, din għandha tippreżenta ċertifikat mediku, anke jekk hi tkun assenti għal ġurnata waħda.

L-iskola m'għandhiex titfalla mingħajr raġunijiet validi. Jekk dan ikun inevitabbli, il-passi li ġejjin għandhom jiġu segwiti:

- Jekk l-istudenta għandha appuntament mediku jew għandha bżonn tkun skużata waqt il-ħinijiet tal-iskola, il-ġenituri/kustodji għandhom jinfurmaw lill-Kap tal-Iskola b'nota jew email, kif spjegat hawn fuq, malli jsiru jafu d-data tal-appuntament.
- Jekk l-Amministrazzjoni tiddeċiedi li l-ispjegazzjoni mogħtija hija raġonevoli, l-istudenta tiġi mmarkata skużata. Raġunijiet jistgħu jinkludu kwistjonijiet ta' saħħa fil-familja, visti l-isptar, imwiet jew funerali.

- Li ssiefer waqt iż-żmien tal-iskola għandu jkun skużat biss meta tippreżenta xi waħda minn dawn ir-raġunijiet, fosthom, kwistjonijiet relatati mas-saħħa, tieġ, jew funeral. Trid tiġi preżentata ittra li tispjega dan kollu u tkun iffirmata mill-ġenitur/kustodju kif ukoll kopja tal-biljetti tal-ajru, lill-Kap tal-Iskola għall-approvazzjoni.
- Meta l-istudenta tkun assenti għal disat ijiem matul is-sena mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni, tista' tintbagħat is-social worker tal-iskola għand il-familja.

## 8. Tluq mill-Iskola

- Jekk l-istudenta jkollha bżonn titlaq mill-iskola waqt il-ħinijiet tal-iskola u tkun awtorizzata mill-Amministrazzjoni, **membru tal-familja li jkollu iżjed minn 18-il sena għandu jiġi jiġbor lill-istudena kkonċernata. L-istudenti ma jistgħux jitilqu mill-iskola waħedhom.** Meta l-membru tal-familja jiġi għall-istudenta, għandu jiffirma fuq 'Formola tat-Tluq mill-Iskola Kmieni' fuq ir-reception desk.
- L-istudenti ma jitħallewx jitilqu mill-bini tal-iskola mingħajr ma jkollhom il-permess minn qabel mingħand il-Kap tal-Iskola/l-Assistent Kap tal-Iskola, għall-ebda raġuni.

## 9. Konklużjoni

Hija l-intenzjoni tal-iskola li tħabrek biex tagħmel dan id-dokument effettiv kemm jista' jkun. Madankollu, huwa evidenti ħafna li l-implimentazzjoni ta' din il-policy kważi kollha kemm hi tiddependi fuq id-determinazzjoni, ir-rieda tajba u l-kooperazzjoni fost il-partijiet interessati kollha. L-Iskola hija kunfidenti li l-għanjiet stabbiliti minn din il-policy jistgħu jintlaħqu u jikkontribwixxu bil-kbir għall-iżvilupp olistiku tal-istudenti tagħna u tal-komunità inġenerali. Minkejja dan kollu, il-policies se jiġu implimentati bl-użu tad-diskrezzjoni u s-sens komun tagħna, u jiġu kkunsidrati l-istudenti individwali u dak li jista' jkun li jimmotiva l-imġiba tal-istudenta. Fuq kollox, il-valuri umani u Nsara għandhom jiggwidaw il-ġudizzju tagħna, id-deċiżjonijiet li nieħdu u l-implimentazzjoni tal-policies.

**Nota:** Dan id-dokument tal-policy huwa riżultat ta' kontribuzzjoni kollettiva tal-membri kollha tal-istaff waqt Staff Development Sessions (SDP) 2013-2014 (emendat f'Settembru 2017, Mejju 2018 u Settembru 2019).